Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 68**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 06.05.24 fl-16.15

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier P.Fenech talbu sabiex jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsillier A. Chetcuti ma kienx preżenti.

Il-Kunsillier M. Bonello nforma li minħabba raġunijiet ta' xogħol importanti se jkun qed jattendi tard.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**68.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru.66 kienu approvati. Il-Kunsillier R.Scicluna ppropone
t u l-Kunsillier A. Pisani ssekondat.

Il-Minuti tas-Seduta Nru.67 kienu approvati. Il-Vi1i Sindku ppropone
t u l-Kunsillier T.Valentino ssekondat.

**68.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

68.2.1 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi progress dwar l-installazzjoni tal-grada fi Ġnien FX Ebejer. Is-SE infurmat li din ilha ordnata u li skont l-aħħar informazzjoni se tkun installata sa l-aħħar ta' dil-ġimgħa. Bħalissa l-ħaddiema tal-manutenzjoni qed jagħmlu xogħlijiet fuq il-*fencing* ta' dan il-Ġnien.

68.2.2 Il-Kunsillier A.Pisani staqsiet jekk sarux it-tiswijiet tal-gutter fi Triq il-Keffa ħdejn Neroli. Is-SE infurmat li se tkun qed tiċċekja mal-kuntrattur ikkonċernat.

68.2.3 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar l-arblu li kien irrapurtat kemm lil GO pc kif ukoll lil Enemalta li qiegħed perikoluż fi Triq il-Madliena. Is-SE infurmat li minkejja diversi reminders li ntbagħtu s'issa għadu fl-istess stat minħabba li hemm xi wires minn naħa ta' l-Enemalta li jridu jinqalgħu. Ġie deċiż li jiġu involuti l-Pulizija.

68.2.4 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar l-applikazzjoni ta'restawr tal-Militiary Wall fi Triq il-Pont. Is-SE infurmat li dwar din l-applikazzjoni għad m'hemm l-ebda konferma għalissa.

68.2.5 Rigward il-proġett tal-Madliena Trail, il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi. Is- SE infurmat li għadha qed tistenna minn naħa tal-Kunsillieri sabiex jikkonfermaw permezz ta' imejl meta jistgħu jiltaqgħu mal-uffiċjali tal-Melita dwar dan il-proġett. Is-SE ssotniet li huwa ferm importanti li ċertu imejls jiġu mwieġba f' ħin adekwat peress li kif il-Kunsill jaf diġa qegħdin magħfusin bil-ħin. Ġie deċiż li d-data tkun Tnejn 13 ta'Mejju fid-9am. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-Melita plc u mal-kuntrattur biex jikkonfermaw ukoll l-attendenza tagħhom. Il-Kunsillier E.Rossignaud informa li l-Kunsill qiegħed jaħdem mill-qrib ma' l-Agronomu Dr. Grech fuq dan il-proġett.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

*Is-Sindku talab sabiex issir sospezzjoni ta' l-Aġenda sabiex l-Accountant tal-Kunsill jispjega l-aġġustamenti tal-Financial Statements tas-sena 2023. Il-ħin kien 16.41. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*

*L-Accountant tal-Kunsill spjega li l-unika aġġustamenti li ġew ppreżentati mill-Awdituri huma ta'data u klassifikazzjoni ta' kreditur. Bħala figuri ma kien l-ebda tibdil. Is-Sindku rringrazzja lil Sur Daniel Galea talli dejjem kien ta' għajnuna għal dan il-Kunsill. Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ppropona. Kien hemm qbil unanimu dwar dawn.*

*Il-ħin kien fil-16.55.*

**68.2 Punti li joħorġu mill-Minuti –ikomplu**

68.2.6 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi ġodda dwar l-akkwist ta' vettura eletrika. Is-SE infurmat li minn naħa tagħna lestejna d-dokumenti kollha bħal kuntratt, l-applikazzjoni ta' TM kif ukoll l-assigurazzjoni li ġiet tammonta għal madwar €1,500.00 wara li No Claim Discount tal-vettura l-oħra tal-Kunsill ġie transferit fuq il-vettura ġdida.

68.2.7 Rigward l-assikurazzjoni, il-Kunsillier E. Rossignaud enfazizza li huwa ferm importanti li l-assikurazzjoni tkun tkopri anke *Public Liability*. Is-SE infurmat li din diġa' fis-seħħ.

68.2.8 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-ħajt perikoluż fi Triq il-Madliena. Is-SE infurmat li dwar dan il-ħajt diġa' sar rapport lil Pulizija u intbagħtet ittra uffiċċjali lis-sidien. Is-SE infurmat li se terġa' tagħmel kuntatt mal-Pulizija.

68.2.9 Il-Kunsillier T.Valentino infurmat li hemm tabella ta' STOP li għandha bżonn tinbidel fi Triq Villa Rosa. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil kuntrattur responsabli.



Noel Muscat

Sindku



Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**68.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

68.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat tal-ħidma kollha li saret mil-aħħar Seduta. Dan se jkun mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

68.3.2 Nhar l-4 t'April, is-Sindku flimkien mal-Perit, il-ġardinar u l-kuntrattur tal-Kunsill iltaqgħu mas-Sur J. Henwood (ERA) dwar il-kwistjoni tal-ħsarat li l-għeruq tas-siġar qed jagħmlu ħsarat fi Triq is-Sejjieħ u Triq il-Ħemel. Wieħed jista' faċilment jiddentifika li dawn l-għeruq ħsarat estensivi kemm fil-bankina kif ukoll fil-ħajt ta' Ġnien MCC. Jidher li l-ERA huma konvinti li jekk kemm-il darba l-għeruq ta' dawn is-siġar jkunu *trimmed*, abli jtaffi sew din il-problema. Il-ġardinar informa li li jekk kemm-il darba dawn vera jiġu *trimmed,* dawn is-siġar jaqgħu. Il-Perit tal-Kunsill informa li f'dan l-istadju la huwa u lanqas il-Kunsill m'huma se jkunu legalment responsabli jekk kemm-il darba iseħħ xi aċċident. Bħalissa, il-Kunsill qed jistenna r-rapport ta' l-ERA.

68.3.3 Fl-istess ġurnata, is-Sindku nforma li iltaqa' mal-kuntrattur ta' IM responsabli mix-xogħlijiet fi Triq il-Miżura u l-Perit R. Micallef. Is-Sindku nforma li huwa bżonn importanti ħafna li jkun hemm kuntatt kontinwu bejn il-Kunsill u l-Perit sabiex nassiguraw li r-residenti dejjem jkunu infurmati minn qabel dwar tibdil fl-immaniġjar ta' traffiku.

68.3.4 Is-Sindku nfroma li ltaqa' ma' l-Onor. O. Farrugia dwar l-iskema li ġiet mħabbra riċentament fejn ġew offruti għaxar miljunu lill-Kunsilli sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet. L-Onor. Farrugia informa li m'hemmx ammonti speċifiki allokat għal kull Kunsill. Is-SE infurmat li lejn l-aħħar ta'Mejju se nkunu qed ningħataw l-aċċess sabiex napplikaw għal xogħlijiet taħt din l-iskema. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li napplikaw għal dawn ix-xogħlijiet:

- Manutenzjoni ta' bankini – Triq il-Wiżna, Triq G.Lebrun, id-dawra tal-Ġnien FX Ebejer
- *Resurfacing* – Triq il-Qasam (bejn Triq is-Sejjieħ u Triq l-Imgħażel)
- *Boundary wall* – Triq is-Sebħ k/m Triq il-Madliena

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**68.3 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli**

68.3.5 Nhar it-22 t'April, IM organizzaw laqgħa fis-sala tal-Kunsill sabiex kull residenti ikollu l-opportunita li jressaq kemm l-ilmenti tiegħu b'mod uffiċjali kif ukoll biex jifhem fiex se jkun qed jikkonsisti dan il-proġett propost Swieqi/Paceville Junction. Għal din il-laqgħa kien hemm CEO ta' IM, is-Sur I. Falzon kif ukoll 3 Periti. Is-Sindku nforma li r-residenti minn Triq l-Għarbiel jidher li se jkunu l-aktar affetwati u għaldaqstant issuġerixxa sabiex jiġi involut il-Perit tal-Kunsill ħalli kemm jista' jkun nkunu iggwidati sew dwar l-effetti ta' dan il-proġett.

68.3.6 Nhar it-23 t'April, is-Sindku nforma li flimkien mal-Viċi Sindku u s-SE iltaqgħu ma' żewġ residenti miż-żona ta' Victoria Gardens. Dawn ir-residenti kienu ferm pre-okkupati bis-sitwazzjoni dwar is-sigurta f'din iż-żona. Huma staqsew jekk jistgħux jiġu nstallati CCTV camera fi Triq il-Barmil. L-ispejjeż relatati jiġu kollha mħallsa minn dawk ir-residenti li jixtiequ jikkontrbwixxu. Ġie issuġeriet li minn naħa tal-Kunsill tintbagħat ittra lil kull resident f'din iż-żona dwar din il-possibilta'. Kien hemm qbil unanimu dwar din.

68.3.7 Is-Sindku nforma li Nutar J. Fenech ikkonkluda r-riċeriki mitluba minn naħa tal-PA dwar il-kwistjoni ta' Triq il-Ġiżimin/ Triq J.Kalleya.

68.3.8 Is-Sindku nforma li l-ewwel parti tal-proġett ta' Ġnien MCC hija lesta u jidher li intlaqgħet sew mir-residenti tal-madwar. It-tieni fażi tista' ssir biss hekk kif ikollna l-approvazzjoni ta' l-ERA. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsir ftuħ uffiċjali żgħir ta' dan il-ġnien pubbliku. Kien hemm qbil unanimu li din issir fil-31 ta'Mejju fis-5.45pm.

68.3.9 Jidher li d-Dipartimet tal-Kura tas-saħħa Primarja qed issibu diffikulta sabiex jikkonfermaw l-ftuħ ta' berġa fis-Swieqi minkejja diversi laqgħat u suġġerimenti li saru. Is-Sindku talab sabiex jerġa' jsir kuntatt mas' CEO, is-Sa. R. Camillieri.

68.3.10 Is-Sindku staqsa jekk hemmx data uffiċjali dwar meta jista' jibda' jintuża l-*electric van* mill-anzjani. Is-SE infurmat li bħalissa qed nistennew il-konferma minn naħa ta' Citroen u Logografix.

68.3.11 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi progress dwar l-akkwist u l-installazjoni ta' chair lift għas-sala. Is-SE infurmat li diġa' għaddiet l-offerti li rċevejna mill-EPPS lil Perit tal-Kunsill.

*Is-Sindku talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 17.55. Il-Viċi Sindku se tkun qed tkompli tmexxi din is-Seduta.*

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**68.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A.Pisani

68.4.1 Hija staqsiet sabiex tiġi installat traffic calmer fi Triq il-Kaffis peress li qed ikollha rapporti ta' *over speeding* f' din iż-żona. Is-SE infurmat li hemm bżonn isir kuntatt mas-sidien tal-propjetajiet minn qabel ma nappiljkaw TM.

68.4.2 Hija nfurmat li fil-ġnien ta' fejn il-Kunsill, hemm invażjoni ta' nemel. Ġie deċiż li jiġu espolorati rimedji naturali biex forsi titnaqqas din il-problema.

68.4.3 Il-Kunsillier infurmat li se tkun qed tinbidel l-instructor ta' Zumba pero' bħala ġurnata/ħin se jibqa' kollox l-istess.

68.4.4 Hija nfurmat li culvert fi Triq il-Keffa ( ħdejn Neroli) għadu qed jagħmel ħoss hekk kif jgħaddu l-karozzi minn fuqu.

Mill-Viċi Sindku

68.4.5 Il-Viċi Sindku infurmat li s'għada rridu ninfurmaw lil Reġjun Lvant bi data ta' meta se nkunu qed norganizzaw clean-up fi żona ta' Triq il-Pedidalwett/ Wied Mejxu. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din issir fis-27 ta' Settembru fis-18.00.

68.4.6 Hija nfurmat li skont l-aħħar komunikazzjoni mir-Reġjun Lvant, dawn se jkunu qed jiffinanzjaw 6k b'mod dirett l-attivita' li se tkun qed titella' nhar l-24 ta'Mejju fil-ġnien ta' fejn il-Kunsill. Il-Kunsill se jkun qed iħallas madwar 4k. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

68.4.7 Rigward il-*boundary wall* fi Triq St.Katerina, il-Viċi Sindku nfurmat li hemm bżonn jerġa' jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur peress li dan reġa' iġarraf u qiegħed fi stat perikoluż.

Mill-Kunsillier R.Scicluna

68.4.8 Hija nfurmat li sfortunatament jidher li mhux nifthemu ma' TM dwar communal bays li hemm fi Triq V.Menville u Triq Franciz. X. Ebejer. Is-SE infurmat li se terġa' titlob kjarifka lil TM dwar din il-materja.

68.4.9 Il-Kunsillier infurmat li l-Artisan Spring Fayre li sar is-Sibt li għadda kien suċċess u li għalkemm din kienet l-ewwel darba, jidher li kien hemm interess partikolari mill-pubbliku inġenerali.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**68.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

<u>Mill-Kunsillier R.Scicluna – tkompli</u>

68.4.10 Hija staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar l-advertising panels. Is-SE infurmat li kellna nirċievu kwotazzjoni minn naħa ta' Andrew Vassallo Ltd dwar dawn.

68.4.11 Rigward l-intervisti li saru fi 18 t'April, il-Kunsillier R. Scicluna nfurmat li sfortunatament jidher li l-ebda kandidat minn dawk 3 ma jidher adattat dan il-kariga minħabba li għandhom kumplikazzjonijiet kemm biex jagħmlu dak mistenni minnhom kif ukoll biex jassistu l-istaff tal-Kunsill.

<u>Mill-Kunsillier T. Valentino</u>

68.4.12 Il-Kunsillier talbet sabiex issiru sinjali ta' traffiku fi żona ta' Triq Daħlet il-Fawna. Is-SE infurmat li se tkun tinħareġ il-WO lil kuntrattur responsabli.

68.4.13 Hija nfurmat li l-gutter li hemm fi Triq il-Pulzier jidher li minn barra li għandu bżonn tindifa sew, hemm bżonn li ssir manutenzjoni. Is-SE infurmat li l-kuntratturi responsabli diġa' infurmati dwar din il-materja.

68.4.14 Hija rrimarkat li xi xogħol li sar minn naħa tal-GO plc fuq il-bankina fil-Madliena speċjalment fi Triq ta'ġ Stronka ma jidhirx li sar hekk kif titlob is-sengħa. Is-SE imfurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt mal-GO plc dwar dan.

68.4.15 Jidher li hemm siġra li qed tostokala l-viżjoni tas-sewwieqa fi Triq ix-Xiber (minn Torre Paulina). Il-Viċi Sindku nfurmat li se tkun qed tiċċekja dwar min huma s-sidien preżenti.

**68.5 APPROVAZZJONI TA' PAGAMENT U XIRI IEĦOR**

L-iskeda tal-pagamenti nru. 68 ġiet mibgħuta lil kull Kunsillier permezz ta' email minn qabel. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex isiru dawn il-ħlasijiet. Il-Kunsillier R.Scicluna pproponiet u l-Viċi Sindku ssekondat.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**68.6 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

68.6.1 Hija nfurmat li nhar it-18 t'April saru l-intervisti lil 3 applikanti għas-sejħa tal-vakanza ta' Council Assistant, sfortunatament jidher li l-ebda wieħed ma kien daqstant preparat għal din is-sejħa. Għaldaqstant, se nkunu qed nipproċedu għal pass li jmiss mal-Jobsplus. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***Din is-seduta spiċċat fi 19.45 u ġie deċiż s-Seduta li jmiss tkun skedata għal nhar it-Tnejn 27 ta'Mejju fl-16.30.***

***Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.***

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv